

# Xi ħjiel fuq il-fratellanzi fil-Mosta

*Dr. George Cassar*

Il-Mosta kellha numru ta' fratellanzi li biż-żmien naqqsu ħafna u kważi mietu mewta naturali. Matul is-sekli nibtu għadd ta' konfraternitajiet li lkoll kellhom il-kulur distint tagħhom u l-istandart li jagħżilhom minn xulxin. Kull fratellanza kellha tliet standarti. Dak imsejjaħ tat-terza kien jinħareġ waqt xi funeral. Dak tas-sekonda kien jinġarr waqt il-purċissjonijiet, filwaqt li tal-prima kien jintuża fil-festi l-kbar. L-istandarti tal-prima tal-fratellanzi Mostin kienu meqjusa fost l-akbar u l-isbaħ f'Malta. Il-fratellanzi, barra mill-okkażjonijiet fil-lokal, kienu jieħdu sehem ukoll f'avvenimenti nazzjonali. Forsi l-aktar waħda kbira kienet tkun l-purċissjoni ta' San Girgor li kienet issir fl-antik fl-14 ta' Marzu, fejn kienu jieħdu sehem fiha l-fratellanzi kollha tal-gżira. Din id-drawwa batiet meta daħal l-argument fost il-fratellanzi dwar min kellu jimxi l-ewwel u minn l-aħħar. Din tal-preċedenza kienet sors ta' nkwiet bejn il-parroċċi għax min jimxi l-aħħar kien jitqies li kellu iżjed mertu. Per eżempju fil-purċissjoni ta' San Girgor li saret fl-1847 il-fratellanzi kienu mxew f'din l-ordni: quddiem il-Furjana, warajhom Valletta (San Duminku), għaxar parroċċi oħra u mbagħad il-Mosta. Fl-aħħar kien hemm il-Katidral tal-Imdina. Il-fratellanzi ma baqgħux jieħdu sehem f'din il-purċissjoni meta mill-1925 ġiet limitata għall-Kunventi, il-Kapitlu tal-Katidral u l-Isqof.

Il-fratellanzi Mostin ħadu sehem fi ġrajjiet nazzjonali oħra matul iż-żminijiet.

## Il-Fratellanza tas-Sagrament

Din il-Fratellanza kienet twaqqfet fit-12 ta' Marzu 1575, jiġifieri tmur lura saż-żmien ta' meta Mons. Pietro Dusina għamel iż-żjara tiegħu fil-Mosta u meta dan ir-raħal kien għadu mhux parroċċa għalih. Din il-Fratellanza kellha żvilupp fl-1629 meta fil-11 ta' Frar ta' dik is-sena ġiet aggregata mal-Arċikonfraternità ta' Santa Maria sopra Minerva ġol-belt Taljana ta' Ruma. Fis-seklu tmintax din il-Fratellanza kienet tieħu sehem f'numru ta' okkażjonijiet organizzati fil-parroċċa. Fit-tielet Ħadd ta' kull xahar il-fratelli libsin il-konfratija kienu jakkumpanjaw f'din il-purċissjoni. Kienu jagħtu sehemhom ukoll f'purċissjonijiet oħra. Il-Fratellanza kienet torganizza purċissjoni l-Ħadd fl-ottava ta' Corpus Domini fejn kienu jduru mat-toroq tal-Mosta. Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata wkoll bil-kant tal-għasar b'quddiesa kantata. Skont kif kompla jgħidilna fir-rapport taż-żjara tiegħu l-Isqof Alpheran de Bussan, dawn il-fratelli kienu wkoll jagħmlu laqgħa flimkien kull raba' Ħadd tax-xahar. Aktar minn hekk il-Fratellanza kienet tagħmel żewġ kommemorazzjonijiet kull sena taħt forma ta' ċelebrazzjoni b'suffraġju għal ruħ il-mejtin imsieħba tagħha. Kienu jsiru waħda f'Mejju u oħra f'Settembru. F'dan iż-żmien il-prokuraturi tal-Fratellanza kienu Ġużeppi Fenech u Duminku Pullicino.

Ix-xogħol tal-Fratellanza tas-Sagrament, mhux fil-Mosta biss, kien ġie aktar definit meta fl-1675 kull parroċċa ried ikollha din il-fratellanza biex tieħu ħsieb terfa' l-baldakkin tal-vjatku tal-morda, jipparteċipaw fil-funerali u jakkumpanjaw fil-purċissjoniet tas-Sagrament.

Osservazzjonijiet tal-Isqof Labini miż-żjara pastorali tiegħu tal-1782, tgħid li l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali, li fuqu kienet tiġi ċċelebrata l-festa tat-titular, kienet tieħu ħsiebu l-Fratellanza tas-Sagrament. Fi żmien dan ir-rapport, il-prokuraturi tal-Fratellanza kienu Ġanni Galea u Xmun Borg.

Fost l-avvenimenti li ħadet sehem fihom din il-Fratellanza kien hemm dik tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913 li ħafna mill-avvenimenti tiegħu saru fir-Rotunda Mostija. F'dik l-okkażjoni hekk importanti għad-Djoċesi Maltija, il-Fratellanza tas-Sagrament tal-Mosta flimkien ma' dawk ta' Malta kollha, ħarġu purċissjoni mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-Furjana. Dan is-sehem ġie repetut fil-25 u fil-50 anniversarju ta' dan il-Kungress.

Il-fratelli jxiddu muzzetta lewn aħmar.

## Il-Fratellanza tar-Rużarju

Il-Fratellanza tar-Rużarju kienet marbuta mal-artal tal-Madonna tar-Rużarju li fil-knisja parrokkjali l-antika (ta' Tumas Dingli) kien qiegħed fil-kappellun fuq il-lemin tal-artal maġġur. Din il-Fratellanza kienet ġiet affiljata mal-Arċikonfratenità ta' Santa Maria sopra Minerva f'Ruma fit-12 ta' Frar 1612. Din il-Fratellanza fi żmien iż-żjara tal-Isqof Alpheran de Bussan kienet tieħu sehem fil-festa tal-artal marbut magħha fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti fil-kant tal-għasar u l-quddiesa kantata. Kienet tieħu ħsieb ukoll li jsir quddies kantat tul in-novena kollha tal-Milied, l-għada tal-festi tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, u fil-festi ta' Santa Marija, l-Annunzjata, it-



Twelid tal-Madonna u l-Madonna tar-Rużarju. Mill-informazzjoni li ħalla l-Isqof Labini fl-1782 hu magħruf li din il-Fratellanza barra l-festa f'Ottubru msemmija fuq, kienet tiċċelebra wkoll il-Milied, il-Gandlora, il-Lunzjata u jagħtu sehemhom ukoll fil-festa tar-raħal, jiġifieri f'Santa Marija Assunta. Bħala prokuraturi dik il-ħabta kien hemm Salvu Bonnici u Ġużeppi Grima.

Il-Fratellanza kienet ħadet sehem f'żewġ okkażjonijiet nazzjonali meta bagħtet l-istandart tagħha bħal fratellanzi oħra. L-ewwel okkażjoni kienet iċ-ċinkwantinarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna ta' San Luqa. Dan kien ġara fl-1898 u għalhekk fl-1948 saret din il-kommemorazzjoni. Mill-Katidral tal-Imdina l-purċissjoni kienet mxiet sal-Knisja ta' San Pawl. Fil-Kungress Marjan li sar fl-1949 l-istandart kien ukoll ħa sehem fil-purċissjoni mill-Knisja ta' Ġiesu għall-Furjana.

Il-lewn tal-muzzetta tal-fratellanza hu l-abjad.

## Il-Fratellanza taċ-Ċintura

Il-Fratellanza taċ-Ċintura u Santa Monika kienet twaqqfet fl-1 ta' Awwissu 1721. L-istatuti tal-Fratellanza skont ir-rapport tal-viżta ta' Alpheran de Bussan, kienu ġew approvati mill-Kurja fit-12 ta' Frar 1722. Nafu mill-istess kitba li f'dak iż-żmien il-prokuratur kien Ġammari Camilleri. Kienet tiċċelebra l-festa tal-Madonna taċ-Ċintura kull sena fil-Ħadd fl-Ottava tal-festa ta' Santu Wistin. Kienet tieħu sehem ukoll fil-purċissjonijiet li kienu joħorġu fir-raba' Ħadd ta' kull xahar. Din il-Fratellanza magħrufa wkoll bħala tal-Madonna tal-Konsolazzjoni kienet twaqqfet bl-inizjattiva tal-Patrijiet Agostinjani. L-artal fil-knisja parrokkjali l-antika li kellu konnessjoni ma' din il-Fratellanza kien dak magħruf bħala ta' Sant' Anna. Fi żmien iż-żjara tal-Isqof Labini kienu maħtura Franġisku Azzopardi u Ġanni Camilleri bħala prokuraturi tal-Fratellanza.

Il-Fratellanza tar-Rużarju kienet ħadet sehem fil-purċissjoni fl-okkażjoni tal-XV-il ċentinarju mill-mewt ta' Santu Wistin. Għalhekk fl-1930 dawn il-fratelli ngħaqdu ma' fratelli minn Malta kollha meta mill-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt imxew għall-Furjana.

Kien fl-1948 li l-istandart tal-Fratellanza ħa sehem, flimkien ma' fratellanzi tal-Madonna oħra, fil-festi tal-50 sena minn meta kienet ġiet inkurunata l-Madonna ta' San Luqa. Sena wara reġgħet għamlet l-istess għall-Kungress Marjan waqt il-purċissjoni li saret għall-okkażjoni.

Din il-konfraternità tilbes il-muzzetta kulur vjola.

## Il-Fratellanza ta' San Ġużepp

Fratellanza li l-kulur tal-muzzetta tagħha hu ikħal. Mill-viżta tal-Isqof Vincenzo Labini nafu li biex jieħdu ħsieb il-Fratellanza ta' San Ġużepp kien hemm il-prokuraturi Tumas Chetcuti u Ġamri Chetcuti.

Avveniment nazzjonali li ħadet sehem fih din il-Fratellanza kien dak tal-1920 fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju tal-għażla ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja mill-Papa Piju IX. F'dik il-festa kienet il-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat li stiednet lill-fratelli Ġużeppini kollha biex jieħdu sehem fil-purċissjoni.

## Il-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù

Din il-fratellanza tilbes muzzetta lewn abjad. Fi żmien il-viżta tal-Isqof Labini, Tumas Dimech u Salvu Dingli kienu l-prokuraturi tal-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù.

## Il-Fratellanza tad-Duluri

Twaqqfet fl-1886. Il-kulur tal-muzzetta ta' din il-konfraternità hu l-vjola. Avvenimenti nazzjonali li ħadet sehem fihom din il-Fratellanza, flimkien ma' Fratellanzi tal-Madonna oħra f'Malta kienu, fl-1948 biex titfakkar l-inkurunazzjoni tal-Madonna ta' San Luqa u fl-1949 waqt il-Kungress Marjan. Il-Fratellanza kienet bagħtet l-istandart tagħha.

Illum il-fratellanzi naqqsu ħafna mill-popolarità li kellhom fi żminijiet oħra u fil-Mosta qed narawhom jonqos l-interess fihom ma' kull sena li tgħaddi.


*Alpheran De Bussan*


*Mons Dusina*


*L-Isqof Gargallo*